MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 343/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Buttigieg u**
**Roderick (Roderick-John) Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Buttigieg u Roderick (Roderick-John) Galea talli:

1) F'dawn il-Gzejjer, f'diversi granet fix-xahar ta' Mejju 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal

jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huma ma kellhomx jedd;

2) Fl-istess perijodu u cirkostanzi, fil-kapacita` taghhom ta’ ezaminaturi tas-sewqan impjegati ma’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT), sew jekk kellhom jew ma kellhomx jedd li jesigu flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet taghhom, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga taghhom, esigew dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmijin Jason Buttigieg u Roderick (Roderick-John) Galea ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekkkif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 115, 112 u 121 tal-Kap. 9, sabet lill-imsemmijin Jason Buttigieg u Roderick (Roderick-John) Halea hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u, bis-sahha ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tliet snin mid-data ta’ dik is-sentenza u inoltre kkundannathom ghal interdizzjoni perpetwa u generali u ordnat, wara li rat l-artikolu 11 tal-Kap. 9, li tali ordni ta’ interdizzjoni perpetwa tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fi-7 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija u l-imposizzjoni ta’ l-interdizzjoni izda tbiddel is-sentenza fejn illiberat lill-appellati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tliet snin ai termini ta’ l-

artikolu 22 tal-Kap. 446 u minflok timponi piena karcerarja skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenzi esebiti mill-appellati permezz ta’ nota li giet pprezentata fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2006;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell ta’ l-Avukat Generali jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti ddecidiet li tittratta ma’ l-appellati billi lliberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal tliet snin skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446. Huwa jghid illi filwaqt illi huwa veru li l-interdizzjoni hija piena iebsa, l-istess ma jistax jinghad ghall-applikazzjoni tal-Kap. 446 f’dan il-kaz. Jghid illi hawn kien hemm abbuz serju tal-fiducja pubblika f’haga li setghet kellha konsegwenzi inkalkolabbli billi persuni inkompetenti kienu jsibu ruhhom isuqu fit-toroq b’periklu tac-cittadini u ghalhekk piena karcerarja kienet aktar indikata.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f’appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Dan huwa kaz fejn l-appellanti rregistraw ammissjoni fl-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti u minn ezami ta’ l-istqarrijiet lill-Pulizija jidher li kkorroboraw ukoll mal-Pulizija. Inoltre l-appellanti xehdu quddiem l-ewwel Qorti fejn ikkonfermaw l-istess stqarrijiet izda ghamlu xi kjarifiki.

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Waqt it-trattazzjoni mbaghad, liema trattazzjoni tinsab traskritta[2], filwaqt illi l-prosekutur irrefera ghall-fatt li l-imputazzjonijiet huma serji hafna ghax jitfghu dell ikrah fuq istituzzjonijiet tal-Gvern, qal ukoll illi dik il-Qorti kellha tiehu konjizzjoni "tal-kooperazzjoni ta' l-imputati mal-Pulizija, ghaliex fil-verita` kkooperaw, u anke l-ammissjoni bikrija taghhom" izda kellha wkoll tikkonsidra l-fatt "li l-istess ammissjoni bikrija impediet lill-prosekuzzjoni milli ttella' xhieda importanti li setghet turi l-istampa ezatta tal-kaz in kwistjoni" (*sic*!). Pero` l-prosekutur kkonkluda billi rrimetta ruhu ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' piena fil-konfront ta' l-appellanti.

Il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 115(a) tal-Kap. 9 hija dik ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin li, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 (reat kontinwat), "tista'" tizdied bi grad ghal prigunerija minn seba' xhur sa erba' snin jew b'zewg gradi ghal prigunerija minn disa' xhur sa hames snin. It-tieni imputazzjoni ghandha titqies assorbita fl-ewwel wahda. Jigifieri meta l-ewwel Qorti, minflok imponiet piena ta' prigunerija, ghazlet li tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 billi lliberat lill-appellanti bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perijodu massimu ta' tliet snin, hija ma kinitx qed tapplika xi piena jew provvediment li ma setghetx tapplika skond il-ligi. Difatti huwa permissibbli ghall-Qorti li tapplika l-imsemmija mizura f'dawk il-kazijiet fejn ir-reat, "minbarra zjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet precedenti ta' htija", ikun punibbli ghal zmien mhux aktar minn seba' snin, u f'certi cirkostanzi anke fejn il-piena tkun aktar minn seba' snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Barra minn hekk l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta' dak kollu relevanti u mmotivat sew id-decizjoni taghha li tapplika l-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 u ma applikatux kapriccozament. Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni li uzat l-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-piena.

Ghal dawn il-motivi:

---

[2] A fol. 80 sa 93.

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, inkluz il-kundanna ghall-interdizzjoni perpetwa u generali li ghandha tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 10(7) tal-Kap. 9, u  b'dan illi l-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellanti , a tenur ta' l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446, bi kliem li jiftiehem sewwa li jekk jaghmlu xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huma jkunu jistghu jinghataw sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------